Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 854/2007

**Mobisle Communications Limited (C24655)**
**vs**
**John Debono**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' sitt mija u erba' u hamsin ewro u tmienja u tmenin ewro centezmi ewro u sitta u erbghin ewro centezmi (€654.88c) gja mitejn wiehed u tmenin liri u erbatax-il centezmu (LM281.14c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond *Client Contract Number* 1004834 in rigward ghal servizi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Marzu, 2006 u Mejju, 2006.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju, 2007, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment

ma dana l-att u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-12 ta' Jannar, 2010 mill-Prokuratur Legali Peter Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------